



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' April 2022
(OR. en)

7962/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0108(NLE)

PECHE 104
N 17

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 165 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 165 final.

Mehmuż: COM(2022) 165 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.4.2022
COM(2022) 165 final

2022/0108 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Minħabba li, f'Marzu 2022, kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn l-Unjoni u n-Norveġja dwar l-aċċess ugwali u nondiskriminatorju għall-ilmijiet ta' Spitzbergen (Svalbard) għall-flotot tal-Unjoni li jistadu għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*), il-Kunsill estenda l-perjodu ta' applikazzjoni tal-kwota proviżorja tal-Unjoni ta' 4 500 tonnelli għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u l-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u d-diviżjoni 2b tal-ICES mill-31 ta' Marzu sat-30 ta' April 2022 (ir-Regolament (UE) 2022/[...]¹). In-Norveġja estendiet ukoll il-perjodu ta' applikazzjoni tal-kwota proviżorja tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard sat-30 ta' April 2022.

Id-diskussjonijiet bejn l-Unjoni u n-Norveġja dwar l-aċċess ugwali u nondiskriminatorju għall-ilmijiet ta' Svalbard għall-flotot tal-Unjoni li jistadu għall-bakkaljaw għadhom għaddejjin. Sakemm joħroġ l-eżitu ta' dawk id-diskussjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jistabbilixxi l-kwota tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u tad-diviżjoni 2b tal-ICES, qabel l-iskadenza tal-perjodu estiż tal-applikazzjoni tal-kwota proviżorja tal-Unjoni fit-30 ta' April 2022. L-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u tad-diviżjoni 2b tal-ICES huma mmarkati *pm* (*pro memoria*) sakemm joħroġ l-eżitu ta' dawk id-diskussjonijiet. Hekk kif ikun magħruf l-eżitu ta' dawk id-diskussjonijiet, se jiġi ppreżentat lill-Kunsill dokument informali tas-servizzi tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-miżuri proposti huma konsistenti mal-objettivi u mar-regoli tal-PKS u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Il-proposta talloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri f'konformità mal-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013². Skont l-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/[...]

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE)

1380/2013, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif l-opportunitajiet tas-sajd allokat li lhom jistgħu jiġu allokat li l-bastimenti li jtafru l-bandiera tagħhom f'konformità ma' ċerti kriterji għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom il-marġni ta' diskrezzjoni meħtieġ biex jeżerċitaw filwaqt li jkassmu l-qabda totali permissibbli (TAC) allokata koperta mill-proposta relatata mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja għall-Istati Membri. Il-Kunsill jistabbilixxi opportunitajiet tas-sajd kull sena, u diġà jeżistu l-mezzi pubbliċi u privati biex jiġu implimentati.

- **Għażla tal-istrument**

Istrument propost: Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Matul id-diskussjonijiet man-Norveġja dwar l-aċċess uguali u nondiskriminatorju għall-ilmijiet ta' Svalbard għall-flotot tal-Unjoni li jistadu għall-bakkaljaw, il-Kummissjoni infurmat u kkonsultat mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari mar-rappreżentanti tal-industrija tas-sajd u mal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal. Il-Kummissjoni żammet ukoll kuntatt regolari mal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri permezz ta' laqgħat tekniċi u permezz ta' laqgħat tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill dwar il-politika tas-sajd.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta se tkun ibbażata fuq il-parir xjentifiku disponibbli tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u d-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Kwalunkwe element li huwa rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatti possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd koperti mill-proposta ġie ttrattat fit-tħejjija u fit-twettiq tad-diskussjonijiet man-Norveġja.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhux se jkollhom l-ebda implikazzjoni baġitarja.

Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22–61).

5. ELEMENTI OĦRA

It-Trattat tad-9 ta' Frar 1920 relatat ma' Spitsbergen (Svalbard) ("it-Trattat ta' Pariġi tal-1920") jagħti aċċess ugwali u nondiskriminatorju għar-riżorsi fl-inħawi ta' Svalbard lill-partijiet kollha ta' dak it-trattat, inkluż fir-rigward tas-sajd.

F'Diċembru 2020, in-Norveġja stabbiliet kwota tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard għall-2021 fil-leġislazzjoni Norveġiża li kienet ferm aktar baxxa (6 760 tonnellata inqas) mill-kwota tal-Unjoni stabbilita f'Diċembru 2020 mill-Kunsill għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u tad-diviżjoni 2b tal-ICES għall-2021 (ir-Regolament (UE) 2021/92³).

Il-Kummissjoni impenjat ruħha, u tkompli timpenja ruħha, man-Norveġja matul l-2021 u l-2022, dwar din il-kwistjoni.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jstabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f' ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31–192).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109¹ jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 stabbilixxa, għall-ewwel trimestru tal-2022, kwota provviżorja tal-Unjoni ta' 4 500 tonnellata għall-flotot tal-Unjoni li jistadu għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fl-ilmijiet ta' Spitzbergen (Svalbard) u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u tad-diviżjoni 2b tal-ICES. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/[...] estenda l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dik il-kwota tal-Unjoni ta' 4 500 tonnellata sat-30 ta' April 2022.
- (3) Jenħtieġ li tiġi stabbilita kwota tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u tad-diviżjoni 2b tal-ICES qabel ma jiskadi l-perjodu estiż tal-applikazzjoni tal-kwota provviżorja tal-Unjoni fit-30 ta' April 2022. Jenħtieġ li dik il-kwota tal-Unjoni tiġi stabbilita f'konformità mal-eżitu tad-diskussjonijiet bejn l-Unjoni u n-Norveġja dwar l-aċċess ugwali u nondiskriminatorju għall-ilmijiet ta' Svalbard għall-flotot tal-Unjoni li jistadu għall-bakkaljaw.
- (4) Jenħtieġ li kwalunkwe kwota tiġi allokata lill-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE³, mas-sehem tal-Polonja mill-kwota tal-Unjoni u soġġetta għall-adattamenti meħtieġa minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/109 jiġi emendat kif xieraq.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1–164).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/[...]

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE tat-18 ta' Mejju 1987 dwar l-allokazzjoni ta' possibbiltajiet għall-qabda tal-merluzz fir-reġjun ta' Spitzbergen u Bear Island u fid-Diviżjoni 3M kif inhi definita fil-Konvenzjoni tan-NAFO (ĠU L 135, 23.5.1987, p. 29).

- (6) Il-limiti ta' qbid previsti fir-Regolament (UE) 2022/109 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-limiti ta' qbid, japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza ġuridika u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati żdiedu. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (UE) 2022/109

Ir-Regolament (UE) 2022/109 huwa emendat kif ġej:

Fl-Anness IB, ir-raba' tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Speċi:	Bakkaljaw <i>Gadus morhua</i>	Żona:	1 u 2b (COD/1/2B.)
Il-Ġermanja	<i>pm</i> (1)(2)	TAC analitika	
Spanja	<i>pm</i> (1)(2)	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
Franza	<i>pm</i> (1)(2)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
Il-Polonja	<i>pm</i> (1)(2)		
Il-Portugall	<i>pm</i> (1)(2)		
Stati Membri Oħra	<i>pm</i> (1)(2)(3)		
L-Unjoni	<i>pm</i> (1)(2)		
TAC	Mhux rilevanti		
(1)	L-allokazzjoni tas-sehem mill-istokk tal-bakkaljaw li l-Unjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha fiż-żona ta' Spitzbergen u tal-Gżira Bear u tal-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda assoċjati huma għalkollox mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi li ġejjin mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920.		
(2)	Il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda jistgħu jirrappreżentaw sa 14 % minn kull refgħa. Il-kwantitajiet tal-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda huma b'żieda mal-kwota għall-bakkaljaw.		
(3)	Għajr il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja u l-Portugall. Il-qabdiet li għandhom jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rapportati separatament (COD/1/2B_AMS).		

”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President